MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 36/2013

**PSV Turnkey**
**Contractors Limited (C-33758)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors ta` Stephania Vassallo u Pio Vassallo ("ir-rikorrenti") li kien ipprezentat fis-<u>16 ta` Jannar 2013</u> li jaqra hekk –

*i. Illi r-rikorrenti huma l-unici diretturi u azzjonisti tal-kumpannija PSV Turnkey Contractors Limited (C33758) skond kif jirrizulta minn estratt mehud mis-sit elettroniku tar-Registratur tas-Socjetajiet hawn anness u mmarkat DOK AN1 ;*

*ii. Illi fit-2 ta` Jannar 2013, giet iffirmata d-dikjarazzjoni finanzjarja verifikata ("Audited financial statements") ghas-sena illi ghalqet 31 ta` Mejju 2002 (DOK AN2) minn fejn jirrizulta illi minaba t-tnaqqis sostanzjali fit-"turnover" tal-kumpannija rizultat gtal-kundizzjonijiet hziena fis-suq tal-bini f`pajjizna, il-kumpannija spiccat f`sitwazzjoni ta` telf sostanzjali u fil-prezent qieghda fi stat ta` insolventa ;*

*iii. Illi wara illi wiznu s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tal-kumpannija, ir-rikorrenti dehrilhom illi jkun fl-ahjar interess tal-kumpannija u tal-kredituri taghha illi jieqfu joperaw b`effett mill-31 ta` Dicembru 2012 u illi l-kumpannija tigo stralcjata. Ghal dan il-ghan giet iffirmata rizoluzzjoni tal-azzjonisti fis-6 ta` Jannar 2013 (DOK AN3) ;*

*Ghaldaqstant u premess is-suespost, ir-rikorrenti qeghdin :-*

*i. ai termini tal-Art.214(1)(a), 218(1)(a) u 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta jitolbu umilment illi l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija PSV Turnkey Contactors Limited ; u*

*ii. illi a tenur tal-Art.228 et seq tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta tahtar amministratur provizorju sakemm din l-Onorabbli Qorti taghmel ordni ghall-istralc hekk kif mitlub minnhom fl-ewwel talba taghhom.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Frar 2013.

Rat in-nota b`dokumenti li r-rikorrenti prezentata mir-rikorrenti fis-26 ta` Frar 2013.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Frar 2013 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Semghet ix-xiehda tal-awditur Paul Azzopardi.

Rat id-digriet taghha tal-lum fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum stess.

Rat l-atti ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Bil-procediment tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija PSV Turnkey Contractors Limited (C33758).

Huma ddikjaraw illi qeghdin jipprocedu abbazi tal-**<u>Art.218(1)(a) tal-Kap.386</u>** li jaqra hekk –

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal –*

*(a) stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(1)(a)*
*…*
*ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji.*

Fil-kaz tal-lum, il-procediment kien inizjat mir-rikorrenti bhala unici diretturi u unici azzjonisti tal-kumpannija. Ghalhekk il-procediment jinkwadra ruhu f`dak illi jipprovdi l-Art.218(1)(a) tal-Kap.386.

L-Art.218(1)(a) tal-Kap.386 jirreferi ghall-**Art.214(1)(a) tal-Kap.386** li jaqra hekk –

*Kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata fil-kazijiet li gejjin –*
*…*
*(a) il-kumpannija tirrisolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ;*

Mela b`riferenza ghat-talba tar-rikorrenti kif dedotta, fil-kaz illi din il-Qorti tiddeciedi illi tordna l-istralc tal-kumpannija, dik l-ordni tkun **preceduta** mill-ordni ta` xoljiment tal-istess kumpannija.

Kienet esebita a fol 14 mir-rikorrenti DOK AN3 li taqra hekk –

*Extraordinary resolution in writing signed by all the shareholders of the limited liability company PSV Turnkey*

*Contractors Limited (C33758) puursuant to Section 210 of the Companies Act 1995*

*Whereby it was resolved :-*

*i. To dissolve the company and consequently wind up the company by the court in accordnace with Section 214(1)(a) of the Companies Act 1995.*

*Dated this the 6th day of January 2013.*

Id-dokument igib il-firma taz-zewg rikorrenti.

Fis-7 ta` Frar 2013, ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat b`kopja tar-rikors promotur skond l-**Art.218(8)** tal-Kap.386.

Fit-12 ta` Frar 2013 ir-Registratur tal-Kumpanniji ppresenta nota fl-atti ta` dan il-prochediment fejn informa lill-Qorti li ghalkemm ir-rizoluzzjoni ghax-xoljiment u l-istralc volontarju tal-kumpannija de qua kienet ittiehdet fis-6 ta` Jannar 2013, l-ebda avviz ta` xoljiment u stralc ma ntbaghat skond kif jipprovdi l-**Art.265(1)** tal-Kap.386 u ghalhekk, ighid ir-Registratur, l-ufficjali tal-kumpannija kienu passibbli ghal penali minhabba l-inadempjenza taghhom.

Premess il-fatt illi kwalsiasi penali li tista` tkun imposta ghal inadempjenza ravvisata fir-rigward tal-ufficjali tal-kumpannija hija prerogattiva tar-Registratur u fid-diskrezzjoni tieghu, din il-Qorti tinnota illi mill-atti (senjatament il-kopja tal-istatut tal-kumpannija) *jidher* ukoll illi l-avviz tax-xoljiment u l-istralc wasal ghand ir-Registratur fit-12 ta` Frar 2013 u kien *re-submitted* fid-19 ta` Frar 2013.

L-**Art.214** tal-Kap.386 jirregola x-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji.

Issa hemm kazi specifikati fil-ligi stess fejn xoljiment u stralc ***ghandhom*** (***shall***) jigu ordnati, u ohrajn fejn xoljiment u stralc ***jistghu*** (***may***) jigu ordnati.

Il-kazi fejn topera s-***shall*** huma dawk indikati fil-paragrafi (**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214.

Fil-kaz tal-lum, it-talba qeghda ssir fuq dak li jipprospetta l-paragrafu (**a**) u cioe` x-xoljiment u stralc mill-qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika differenza bejn l-(**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214 hija li filwaqt li fl-(**a**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir mill-qorti, fil-kaz tal-(**b**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir volontarjament.

Issa l-kazi fejn topera il-***may*** huma dawk indikati fis-subparagrafi (**i**) u (**ii**) tal-paragrafu (**a**) tas-subinciz **(2)** tal-Art.214. Ir-rikorrenti mhux jaghmlu talba skond dawn id-disposizzjonijiet.

Ghalkemm mhuwiex il-kaz tal-lum, is-***shall*** topera wkoll (din il-Qorti tghid **b`riserva**) fil-kazi indikati fil-paragrafi (**i**) sa (**iv**) tal-paragrafu (**b**) tas-subinciz (**2**) tal-istess Art.214. Din il-Qorti taghmel riserva ghar-raguni li l-Art.214(2)(b) jitkellem **biss** dwar xoljiment mhux ukoll dwar l-stralc fl-erba` kazi hemm specifikati. Dan huwa hekk ghax b`effett tal-Art.214(3) ***l-istralc*** huwa diskrezzjoni tal-qorti f`dawk l-erba` kazi.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta li PSV Turnkey Contractors Ltd kienet registrata bin-Nru.C33758. Il-*Memorandum* u l-*Articles of Association* kienu registrati mar-Registratur tal-Kumpanniji fil-21 ta` April 2004. Diversi kienu l-*objects* tal-kumpannija. Dak li pero` kien indikat <u>specifikament</u> bhala *the main object* huwa *(a) to act as building contractors and property developers*

Mill-bidu nett taghha sal-lum, l-azzjonisti tal-kumpannija baqghu iz-zewg rikorrenti bl-istess numru ta` ishma fiz-zewg klassijiet ta` ishma kontemplati fl-istatut tal-kumpannija, anke wara li fit-23 ta` Frar 2011 ittiehdet rizoluzzjoni straordinarja fejn kien hemm *increase* fl-*authorised* u fl-*issued share capital.*

Skond l-istatut, il-Bord tad-Diretturi huwa kompost minn mhux izjed minn zewg persuni. Mill-bidu tal-kostituzzjoni taghha sal-lum, id-diretturi kienu tnejn u cioe` z-zewg azzjonisti stess. U qatt ma nbidlu. Tul iz-zmien l-unici bidliet kienu fil-*company secretary* u fil-persuna li kellha *the legal and judicial representation* tal-kumpannija.

Ir-rizoluzzjoni straordinarja li skattat dan il-procediment kienet approvata mill-azzjonisti kollha waqt laqgha generali straordinarja li saret fis-6 ta` Jannar 2013. Kien ghalhekk sodisfatt l-Art.13 tal-*Articles of Association*.

Fl-affidavit taghha, ir-rikorrenti Stephania Vassallo taghti l-sfond ta` dak li wassal lilha u lill-azzjonista l-iehor biex jadottaw ir-rizoluzzjoni straordinarja tas-6 ta` Jannar 2013.

*Inter alia* tixhed hekk –

*… il-kumpannija taghna mhix xi kumpannija illi ma haditx hsieb illi tibghat l-accounts fil-hin jew illi waqghet lura fl-obbligi illi kellha mar-Registratur tas-Socjetajiet …*

*Sas-sena l-ohra infatti (cioe` s-sena illi kienet ghalqet 51/5/2011) il-kumpannija ghamlet profitt. Ma kellniex kawzi kontra taghna. Anzi nghid xi Marzu tas-sena 2012, konna ahna li ftahna kawza kontra kumpannija illi kellha ttina l-flus.*

*Ikolli nghid illi b`effett mis-7 ta` Dicembru 2011, ahna konna biddilna l-awdituri taghna. Dan kien dovut ghall-fatt illi sfortunatament l-awdituri precedenti taghna naqsu milli jipprovdu ghall-FSS u VAT dovuti bir-rizultat illi ahna konna minghalina illi kollox miexi harir meta fir-realta` kien hemm dejn ta` kwazi mitt elf Euro (€100,000) illi ma kenux gew imdahhla fil-kotba ghas-sena illi ghalqet 31/5/2010. Meta l-awdituri l-godda dahlu jahdmu, sabu diversi zbalji u ghamlu dak illi jissejjah ‘prior year adjustment’ ta` €99,315 fil-kotba li ghalqu ghas-sena 31/5/2011. Dan ovvjament ma ghen xejn il-posizzjoni finanzjarja tal-kumpannija …*

*Fl-ahhar xhur tas-sena 2010 u matul s-sena 2011 u 2012, bdejna nindunaw illi ghalkemm konna qeghdin nahdmu fuq progetti ezistenti illi kellna, xoghol gdid ftit illi xejn beda diehel … l-pagamenti ta` klijenti wkoll waqghu lura fl-2012 tant illi ghall-ewwel darba spiccajna ftahna kawza kontra kumpannija sabiex jippruvaw nirkupraw xi flus …spiccajna fi problema ta` ‘cash flow’ – flus kontanti ma kenux dehlin u l-pagamenti taghna lil terzi bdew jaqghu lura. F`Gunju kien fadlilna biss bicca xoghol wahda fuq xiex nahdmu … Apparti dan ma kellnix xoghol iehor u d-dejn beda jakkumula.*

*Sakemm konna qed nistennew lill-awdituri jlestu l-kotba ghas-sena illi ghalqet 31/5/2012, ippruvajna nnaqsu l-ispejjez u l-pregudizzju ghall-kredituri billi nehhejna xi impjegati u naqqasna xi spejjez izda minghajr dhul diehel minn xoghol gdid, l-investiment illi kien lahaq sar*

*f`materjal kien ferm ikbar mit-tentattivi taghna illi nimminimizzaw l-ispejjez …*

Ix-xhud tirreferi ghar-rapport tal-awdituri Mercieca Azzopardi & Co dwar il-qaghda finanzarja tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Mejju 2012 u li tlesta lejn l-ahhar ta` Dicembru 2012.

Dwar ir-rapport tistqarr hekk –

… *jekk wiehed ihares lejn il-'Profit & Loss Account' jew 'Income Statement' li jinsab f`pagna 5 tar-rapport … wiehed jirrealizza illi minn sitwazzjoni ta` profitt ta` €39,648 mill-operat ghas-sena illi kienet ghalqet 31/5/2011 spiccajna f`telf ta` €259,192 ghas-sena li ghalqet 31/5/2012. Jekk imbaghad wiehed ihares lejn il-bejgh ghas-sena li ghalqet 31/5/2011 wiehed jara l-figura ta` €659,723 filwaqt illi ghas-sena illi ghalqet 31/5/2012, dan kien nizel ghas-somma ta` €329,569 – prattikament 50% - u dan meta il-'cost of materials' kien baqa` kwazi l-istess (€516,042 sa 31/5/2011 u €448,159 sa 31/5/2012). Rinfaccjati b`din is-sitwazzjoni xejn felici, jien u r-ragel tieghi hadna decizjoni illi nieqfu noperaw b`effett mill-31 ta` Dicembru 2012 u ffirmajna l-kotba fit-2 ta` Jannar 2013.*

Ix-xhud tixhed ukoll li dan l-ahhar xi kredituri baghtu ittri fejn irreklamaw il-kreditu taghhom waqt li ohrajn fethu proceduri gudizzjarji.

Fl-atti huma esebiti l-*Abridged Financial Statements* tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet 31 ta` Mejju 2012 (Dok AN2) u l-*Annual Report* ghall-istess sena (Dok SV3). Dawn kienu kkonfermati bil-gurament mill-awditur Paul Azzopardi fl-udjenza tal-lum.

Fl-*Abridged Financial Statements* hemm nota mill-awdituri illi tghid –

*The company`s trade and other receivables (note 10) includes an amount of €331,440 due from the shareholders that, in accordance with the company`s accounting policies, should have been impaired. No provision is being made against the eventual non-recovery of the amount in these financial statements.*

Ikompli jinghad illi –

*The company ceased trading at the end of December 2012 and therefore the company is not a going concern. Accordingly the company has prepared these financial statements on a break-up basis. The company is also in a net liabilities position amounting to €349,686.*

Mill-*Balance Sheet* jirrizulta illi waqt illi l-*assets* fl-2011 kienu €591,248 (li minnhom €22,466 kienu *non-current assets*) fl-2012 il-valur tal-*assets* nizel ghal €445,587 u ma kienx hemm *non-current assets.* It-*total liabilities* zdiedu notevolment bejn l-2011 (€681,742) u l-2012 (€795,273). Fl-2012, kien hemm *related party loan* ta` €90,516.

Ghax mhux *abridged* l-*Annual Report* jaghti stampa aktar shiha tal-qaghda tal-kumpannija. Id-*Directors` Report* jigbor fil-qosor dak li stqarret Stephania Vassallo fl-affidavit taghha. Ix-xejra negattiva li nsibu fl-*abridged financial statements* hija riflessa kollha kemm hi fl-*Annual Report*. Li jkompli jfisser illi dak mistqarr minn Stephania Vassallo, u minnha konfermat bil-gurament, huwa sorrett mill-fehma meqjusa u indipendenti tal-awdituri.

Jirrizulta li n-negozju tal-kumpannija huwa wieqaf u ghandha d-dejn. Ghax ma hemmx attivita` ekonomika, mhux se jkun hemm *revenue* u wisq anqas qligh biex

jithallas id-dejn. Ir-rikorrenti jaccettaw illi hekk hu. U hemm konferma mill-awdituri. Ghalkemm evidentement sofferta, tenut kont tac-cirkostanzi li taw svolta negattiva lin-negozju tal-kumpannija, kienet f`waqtha d-decizjoni tar-rikorrenti li jadottaw ir-rizoluzzjoni straordinarja tas-6 ta` Jannar 2013 anke fl-interess tal-kredituri. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tghaddi ghax-xolijiment u stralc tal-kumpannija.

**In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda –**

**Fl-ewwel lok, tiddisponi mill-ewwel talba tar-rikorrenti, billi bl-applikazzjoni tal-Art.218(1)(a) u l-Art.214(1)(a) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija PSV Turnkey Contractors Limited (C-33758), b`effett mis-6 ta` Jannar 2013, skond it-tieni proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386. Tahtar lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala stralcjarju bis-setghat u bid-dmirijiet kollha kif huma definiti fil-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Fit-tieni lok, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba in vista tal-provvediment taghha tal-lum.**

**Fit-tielet lok, tordna li l-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------